MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR. PETER BORG COSTANZI

Seduta tal-25 ta' Novembru, 2004

Talba Numru. 2072/2003

**Maurice Farrugia I.D. 125363(M)**

**Vs**

**Quality Standards Limited (C-24184)**

**It-Tribunal**

Ra l-Avviz li permezz tieghu l-attur talab li s-socjeta' konvenuta thallas is-somma ta' sitt mija w erbgha u sittin lira Maltin u sebghin centezmu (Lm664.70c) rapprezentanti prezz ta' materjal u xoghol ta' *wiring* u nstallazzjoni ta' muturi ghal saqaf tal-hgieg li sar mill-attur f'Palazzo Ferreria, l-Belt Valletta fuq ordni tas-socjeta' konvenuta.

Ra r-Risposta tas-socjeta' konvenuta li biha wiegbet li l-ftehim ma kienx kif indikat fl-Avviz u li fil-fatt bejn il-partijiet il-ftehim kien ta' mitejn u hamsa w erbghin lira Maltin (Lm245) inkluz il-VAT ghall-installazzjoni u *wiring* tal-

muturi ta’ zewg *canopies* liema somma kienet tirrapprezenta l-inkarigu shih ta’ l-attur.

Sema’ x-xhieda ta’ Maurice Farrugia u Carmel Ebejer.

Ra r-Rapport ta’ l-Inginier Victor Bonello, x-xhieda tieghu u risposti tieghu in eskussjoni.

Ra l-atti kollha tal-kawza.

**Ikkunsidra**

Illi s-socjeta’ konvenuta nghatat inkarigu sabiex taghmel zewg *canopies* f’Palazzo Ferreria, l-Belt Valletta. Da parti taghha hija nkarigat lill-attur.

Illi m’hemmx kontestazzjoni bejn il-partijiet illi effettivament l-attur ghamel xoghol ta’ nstallazzjoni ta’ zewg *canopies* li kull *canopy* fih zewg muturi. Meta l-attur installa l-ewwel *canopy* huwa gie nformat illi l-klijent ma kienx ried li s-sistema tkun bil-*push button* izda ried li din issir bir-*remote control* u ghalhekk tnehha l-*control box* tal-*push button* u saru l-modifiki necessarji biex il-*canopy* tinhadem bir-*remote control*. It-tieni *canopy* saret b’mod regolari bir-*remote control*.

Il-vertenza bejn il-partijiet hija jekk il-ftehim bejniethom kienx ta’ mitejn u hamsa w erbghin lira Maltin (Lm245) jew mitejn u erbghin lira Maltin (Lm240) ghaz-zewg *canopies* jew ghal kull *canopy*.

Inoltre m’hemmx kwistjoni bejn il-partijiet li l-attur ghandu jithallas ghax-xoghol addizzjonali tat-tibdil tar-*remote control / push button* ta’ l-ewwel *canopy* izda mhux qed jaqblu fuq ir-rati.

Ftehim bejn il-partijiet bil-miktub ma sarx u huma ftiehmu verbalment. L-attur kien kategoriku li xehed li l-ftehim kien ta’ mitejn u erbghin lira Maltin (Lm240) ghal kull *canopy*, mentri l-konvenut xehed hekk:

“Fil-fatt iltqajna jiena u s-Sur Farrugia fuq il-bejt tal-bini, meta gejna biex inwahhlu l-ewwel *canopy* li kien ghall-habta ta’ Frar tas-sena l-ohra, u lili tani stima ta’ mitejn u hamsa w erbghin lira Maltin (Lm245). U ma tani l-ebda kwalifika hijiex ghal tnejn, erbgha jew wiehed. Qalli biss mitejn u hamsa w erbghin lira Maltin (Lm245).”

Kien ghalhekk li l-konvenut fehem li dan kien ghaz-zewg *canopies* u mhux ghal mitejn u hamsa w erbghin lira Maltin (Lm245) kull *canopy*.

Mix-xhieda tal-partijiet jidher li ma kienx hemm *idem placitus consensus* bejn il-partijiet fuq il-prezz. Certament hemm dizgwit bejn il-partijiet u t-Tribunal huwa moralment konvint illi z-zewg partijiet ghalkemm go mohhom kienu cari b’dak li qieghdin jifhmu u jippretendu, fil-fatt ma kienux qieghdin jifhmu l-istess haga. L-attur genwinament haseb li l-ftehim kien fuq mitejn u hamsa w erbghin lira Maltin (Lm245) ghaz-zewg *canopies* mentri l-konvenut kien genwinament konvint li kien ghal *canopy* wiehed.

Illi a bazi tal-principju li kull xoghol irid jithallas, it-Tribunal hass il-htiega li jinnomina Espert fil-materja, cjoe’ l-Inginier Victor Bonello, sabiex jaghmel stima tax-xoghol in kwistjoni.

L-Inginier Bonello spezzjona x-xoghlijiet in kwistjoni u wasal ghall-konkluzjoni li l-kumpens xieraq u ragunevoli ghandu jkun ta’ mija u tlieta u disghin lira Maltin u erbghin centezmu (Lm193.40c) kull *canopy* u ma’ dan zied mija u hmistax-il lira Maltin (Lm115) ohra biex inbidel il-*control panel* ta’ l-ewwel *canopy* – total ta’ hames mija u lira Maltin u tmenin centezmu (Lm501.80c).

It-Tribunal sema’ bir-reqqa r-risposti li ta l-Inginier Victor Bonello in eskussjoni li se mai servew biex sahhew il-konkluzjonijiet tieghu u mhux dghajfuhom, pero’ l-unika haga li jista’ jinnota t-Tribunal huwa li fil-fatt ghax-xoghol addizzjonali biex inbidel il-*push button* ghar-*remote control*, l-attur talab kumpens ta’ tmienja u disghin lira Maltin (Lm98) mentri l-Inginier Bonello kkomputah ghal mija u hmistax-il lira Maltin (Lm115).

Fic-cirkostanzi jkun xieraq u gust li fil-fatt il-kumpens ikun ta' tmienja u disghin lira Maltin (Lm98) kif mitlub mill-attur u mhux kif stmat mill-Inginier.

Illi fir-rigward tal-kumpens ghax-xoghol l-iehor ghal kull *canopy*, it-Tribunal jidhirlu illi l-ammont ta' mija u tlieta u disghin lira Maltin u erbghin centezmu (Lm193.40c) ghal kull *canopy* huwa pjenament gustifikat. Ta' min jaccenna illi mid-dokumenti esebiti mill-attur jirrizulta illi s-*supplies* necessarji sabiex huwa ghamel ix-xoghlijiet in kwistjoni huma ta' mitejn u tmienja u hamsin lira Maltin u tnejn u tletin centezmu (Lm258.32c) (Dok a fol 16 u 17 tal-process) u m'huwiex verosimili li f'xoghol ta' din l-entita' l-attur jithallas biss tal-*parts* minghajr ma jiehu sold wiehed ghal xoghlu.

Illi ghalhekk it-talba ta' l-attur ser tigi akkolta limitament ghall-kumpens ta' mija u tlieta u disghin lira Maltin u erbghin centezmu (Lm193.40c) ghal kull *canopy* flimkien ma' tmienja u disghin lira Maltin (Lm98) ghax-xoghol addizzjonali dwar ir-*remote control* – total ta' erba' mija w erbgha u tmenin lira Maltin u tmenin centezmu (Lm484.80c).

Stante illi t-talba attrici m'hijiex qed tigi akkolta in toto u stante illi z-zewg partijiet ghandhom xi ftit jew wisq tort fil-kwistjoni billi kieku l-ftehim gie redatt bil-miktub l-affarijiet kienu jkunu aktar cari u l-kwistjoni ma kienetx tasal quddiem dan it-Tribunal, it-Tribunal jidhirlu illi z-zewg partijiet ghandhom ibatu l-konsegwenzi relattivi ghalkemm mhux f'sehem ugwali.

Ghal dawn il-motivi t-Tribunal jaqta' u jiddeciedi billi jilqa' t-talba ta' l-attur in parte u jikkundanna lis-socjeta' konvenuta thallas lill-attur is-somma ta' erba' mija w erbgha u tmenin lira Maltin u tmenin centezmu (Lm484.80c) flimkien ma' l-interessi kif mitluba. L-ispejjez ikunu kwantu ghal tlett kwarti ($^3/_4$) ghas-socjeta' konvenuta u kwart ($^1/_4$) ghall-attur.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------